# Qorti Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Ammissjoni Nru: 4/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Julio Cesar Valerio Polanco**

Illum 6 ta' Marzu, 2018.

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-konfront ta' Julio Cesar Valerio Polanco talli:

F'dawn il-gzejjer, fit-22 ta' Frar, 2012 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data;

a. Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer, sabiex ibieghu jew jittraffikaw f'dawn il-gzejjer, medicina (kokajina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assocjazzjoni.

b. Fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja jew xorta prokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Ommissis u Julio Cesar Valerio Polanco wahedhom talli fit-22 ta' Frar, 2012 u fix-xahrejn ta' qabel din id-data:

c. Importaw jew gieghelu li tigi mportata jew ghamlu xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija, u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom, u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu

taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzati jew huma proprjeta' taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu jew xort'ohra jiddisponu minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli; u dan ai termini tal-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputati sabiex ihallsu lir-registratur tal-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, nkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Istruttorja tal-21 ta' April, 2015, fejn l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u ikkonferma tali ammissjoni anke wara li dik il-Qorti tagħtu żmien biex jikkunsidra il-pozizzjoni tiegħu.

Rat id-digriet ta' din l-istess Qorti, datat 27 ta' April, 2015, fejn il-Qorti ai termini tal-artikolu 395B(4) tal-Kodiċi Kriminali appuntat il-kawża għas-smiegħ għal nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju, 2015.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Awwissu, 2017, fejn iddikjara illi ai termini tal-Artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputazzjonijiet adebitati lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u li għalihom ammetta l-imputat fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta'

April, tas-sena elfejn u hmistax (2015) għandhom jitqiesu bħala att ta' akkuża ai fini u effetti kollha tal-liġi.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Julio Cesar Valerio Polanco, prezentat fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2018 fejn qablu illi tenut kont tal-ammissjoni l-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-akkużat minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tmien snin (8), mil-liema terminu ta' priġunerija għandi jitnaqqas kull żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv, flimkien ma' multa ta' tlieta ugħoxrin elf Ewro (€23,000).

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Julio Cesar Valerio Polanco ħati talli:

F'dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Settembru 2014 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer, sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-gzejjer, medicina (kokajina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni.

b. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib

Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellhu licenzja jew xorta prokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Ommissis u Julio Cesar Valerio Polanco wahedhom talli fit-22 ta' Frar, 2012 u fix-xahrejn ta' qabel din id-data:

c. Importa jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. Kellhu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu id-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juri li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena nflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs.**

**Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie ffurmat il-ġuri u li saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti tħoss li f'dan il-każ partikolari għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula fis-6 ta' Marzu, 2018.

Din il-Qorti għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 9, 10, 15A u 22(1)(a)(1A)(2)(a)(i)(aa) Kapitolu 101 tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 42(e) tal-Kapitolu 9 Tal-Kodici Kriminali u r-, 9, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u Taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ir-Regolament 4 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939).

Tikkundanna lil ħati Julio Cesar Valerio Polanco għal piena effettiva ta' tmien snin (8) priġunerija, flimkien ma' multa ta' tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000).

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati.

Billi ma tqabbdu ebda esperti, mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi zmien ħmistax il-jum mil-lum - li d-droga eżebita hija meħtiega in

konnessjoni ma′ xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x′jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tar-Reġistratur tal-Qorti u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta′ din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta′ tali distruzzjoni u iġibu a konjizzjoni ta′ din il-Qorti b′nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

Antonio Mizzi
Imħallef

Brian Avellino
Deputat Reġistratur